MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 988/2000/1

**Penelope Lee f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Jake Agius**

**Vs**

1. **Joseph Agius**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**
3. **Michael Borg**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-attrici Penelope Lee izzewget lill-konvenut Joseph Agius fit-tmintax (18) ta' Settembru elf disa' mija hamsa u disghin (1995);

Premess illi fit-tnejn (2) ta’ Dicembru elf disa’ mija disgha u disghin (1999) l-istess attrici kienet infirdet *de jure* mill-imsemmi Joseph Agius skond kopja legali tal-kuntratt ta’ separazzjoni relattiv anness ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkat Dok. A u baqghet hekk fisikament mifruda sallu, u bhalma fil-fatt kienet ghal zmien twil qabel il-firda *de jure*;

Premess illi l-attrici Penelope Lee kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut Michael Borg, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Jame Agius fl-erba’ (4) ta’ Frar tas-sena elfejn (2000) skond certifikat tat-twelid anness ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkat Dok. B;

Premess illi ghalhekk ic-certifikat tat-twelid ta’ Jake Agius ghandu jigi emendat fis-sens illi juri l-missier naturali tat-tarbija bhala Michael Borg;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minru Jake Agius mhuwiex it-tifel naturali tal-konvenut Joseph Agius izda huwa t-tifel naturali tal-konvenut Michael Borg b’mod illi hemm lok ghall-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid ta’ l-imsemmi minuri f’dan is-sens;

2. Tordna ghalhekk l-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta’ Jake Agius numru tmien mija disgha u ghoxrin tas-sena elfejn (829/2000) biex il-paternita` tal-minuri tigikorrettement rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Joseph Agius jigu kkancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut Michael Borg kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f’din il-kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-att tat-twelid numru 829/2000 relattiv ghall-minuri Jake gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-meritu illi f'dan l-istadju huwa ma kienx edott mill-fatt kif allegati fic-citazzjoni;

3. Illi inoltre u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success ta' l-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti konjugi Penelope Lee u Joseph Agius fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

4. Illi wkoll bla pregudizzju, il-minuri Jake ghandu jkun rapprezentat f'dinil-kawz permezz ta' kuraturi ndipendenti;

5. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, Michael Borg kellu jigi nidikat bhala "missier illegittimu", oltre l-fatt li kellhom jigi kancellati l-kliem "the said" mill-kollonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet ta' l-omm;

6. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid kienu ghal kollox estranei ghall-esponent huwa ma kellux jigi soggett ghall-ispejjez;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Agius illi permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi huwa kien jaqbel illi ma kienx il-missier naturali ta’ Jake Agius, u mieghu ma kellu ebda relazzjoni, u ghalhekk qabel illi ismu u l-konnotati tieghu jitnehhew minn fuq ic-certifikat tat-twelid ta’ l-istess Jake Agius;

2. Illi huwa ma kienx jaf u ma kienx fi grad illi jghid min kien il-missier naturali ta’ l-istess Jake Agius u ghalhekk irrimetta ruhu ghas-savju gudizzju ta’ din il-Qorti f’dan ir-rigward;

3. Illi huwa ma kellu jbati ebda parti mill-ispejjez tal-kawza, stante illi ma kkontribwixxa bl-ebda mod ghall-fatti illi wasslu ghal din l-istess kawza;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Joseph Agius illi fiha huwa ppremetta:-

Illi il-konvenut Joseph Agius kien ilu mifrud ghal zmien twil *de facto* minn ma’ martu Penelope Agius qabel ma huma addivjenew ghall-kuntratt ta’ separazzjoni illi ta indoli guridiku ghal dik is-separazzjoni;

Illi l-konvenut Joseph Agius kien, fiz-zmien bejn it-tlett mitt jum u l-mija u tmenin jum qabelit-twelid tat-tifel, fl-impossibilita` fizika li jghammar ma’ martu minhabba likien boghod minnha jew minhabba xi accident iehor kif jigi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi inoltre fiz-zmien hawn fuq imsemmi huwa kien mifrud *de facto* minn ma’ martu;

Illi inoltre fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kkommettiet adulterju, u l-konvenut Joseph Agius lest ukoll jissottometti fatti ohra, inkluzi provi genetici u xjentifici illi jeskludu l-paternita` tieghu;

Illi l-istess konvenut sar jaf bit-twelid ta’ Jake Agius ferm wara li sehh it-twelid;

Wara dawn il-premessi huwa talab lil din il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmi minuri Jake Agius mhux it-tifel naturali ta’ Joseph Agius;

2. Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta’Jake Agius, numru tmien mija u disgha u ghoxrin tas-sena elfejn (829/2000) biex il-konvenut Joseph Agius ma jibqax aktar jitnwera bhala il-missier tieghu;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Joseph Agius u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attrici *proprio et nomine* ghall-kontro-talba tal-konvenut Joseph Agius, illi permezz taghha hija eccepiet:-

1. Illi kien minnu lil-attrici kienet separata *de facto* minn mal-konvenut zewgha Joseph Agius ghal zmien twil qabel ma twieldet it-tarbija Jake Agius, u dan kif kellu jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi kien minnu lil-konvenut Joseph Agius ma kienx il-missier naturali tal-minuri Jake Agius izda kien il-konvenut l-iehor Michael Borg, li kien il-missier naturali tieghu, u dan kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke jekk hemm bzonn permezz ta’ mezzi xjentifici;

3. Izda pero` hi ma kellhiex tbati l-ispejjez ta’ din il-kontro-talba, li saret frivolozament stanti l-fatt li c-citazzjoni *de quo* intavolata minnha tirrigwarda propju l-istessmertu u kellha l-istess ghanijiet;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attrici *proprio et nomine* akkompanjanti l-istess nota u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

L-istanza in ezami hi wahda ta' filjazzjoni fejn il-minuri tramite ommu qed jattakka l-presunzjoni tal-paternita` riassunta fil-formola stabbilita fl-Artikolu 67 tal-Kodici Civili li tghid li "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu";

Huwa qed jghid li dak dikjarat fuq l-att tat-twelid tieghu bhala missieru jikkuntrasta mar-realta`. Biex jirnexxi f'dan it-tentattiv huwa jehtieglu jipprova illi huwa ma huwiex frott ta' l-unjoni bejn ommu u r-ragel taghha. Din il-prova kuntrarja jista' jaghmilha kemm permezz ta' xhieda kif ukoll b'xi mod idoneu iehor bhal ma hu l-ezami genetiku;

Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Antonio Scerri Gauci -vs- Dottor Giovanni Scicluna noe**", Appell Civili, 14 ta' Jannar 1952, "it-tifel ghandu dritt jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponielu l-ligi ghall-ezercizju ta' dik l-azzjoni ... L-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jipposjedi stat konformi ma' l-att tat-twelid tieghu.";

Din il-limitazzjoni hi dik stabbilita fl-Artikolu 81 tal-Kodici Civili. Hu ovvju li b'din id-disposizzjoni l-ligi tissubordina l-presunzjoni tal-paternita` ghall-presuppost ulterjuri li t-tifel huwa dikjarat bhala legittimu fl-att tat-twelid tieghu u ghandu pussess ta' stat li jaqbel ma' dan l-att;

Similment ghall-att tat-twelid il-pussess ta' stat jaghmel prova legali ta' l-istat ta' iben legittimu. Pero` dan ma ghandux ikun ta' xkiel ghal min irid jipprova mod iehor bhal ma hu proprju l-kaz in ispecje. Biex jissussisti l-pussess ta' stat dan irid jirrizulta minn gabra ta' fatti li fil-kumpless taghhom iservu biex jiddimostraw ir-relazzjoni bejn il-persuna li qed tressaq id-domanda u l-parentela li ghaliha jippretendi li jappartjeni;

Issa fil-kaz in ezami l-prova li ressaq it-tifel turi li:-

I. Omm it-tifel allontanat ruhha mid-dar konjugali fejn kienet tghix ma' zewga John Agius fit-23 ta' Dicembru 1996;

II. F'Dicembru 1997 hi stabbilit relazzjoni mal-konvenut l-iehor Michael Borg u fi kliem dan huma bdew jikkoabitaw flimkien "bhala ragel u mara" (fol. 36);

III. Il-konvenut John Agius (fol. 38) jistqarr li minn meta telqet martu huma qatt ma kellhom kuntatt jew rapport sesswali. Fil-fatt wara xi zmien ta' l-allontanament martu telqet minn Ghawdex u bdiet tghix Malta mal-konvenut l-iehor;

IV. Jirrizulta inoltre li s-separazzjoni *de facto* bejn il-koppja Agius giet konvertita f'wahda *de jure* bil-kuntratt tat-2 ta' Dicembru 1999;

V. Il-minuri Jake twieled fl-4 ta' Frar 2000 pero` kif dimostrat mill-ezami genetiku tad-DNA "*the results are fully consistent with Michael Borg being the biological father of Jake Agius*" (fol. 53);

Mill-fatti fuq stabbiliti huwa bil-wisq car illi l-minuri f'dan il-kaz irnexxielu juri li hu minn dejjem gie rikonoxxut mill-konvenut Michael Borg bhala l-iben naturali tieghu u li fil-fatt mill-konvenut l-iehor John Agius qatt ma rceva dan l-istess rikonoxximent. L-istat tal-minuri ghalhekk mhux konciljabbli ma' l-att tat-twelid tieghu;

L-azzjoni hija ghalhekk ammissibbli. Dan mhux biss fl-interess ta' l-istess minuri izda in raguni wkoll ta' l-interess pubbliku u tac-certezza ta' l-istat familjari. Huwa ghal din ir-raguni wkoll li l-ligi taghmel impreskrittibbli din l-azzjoni;

Il-Qorti ma tifhimx ghalfejn il-konvenut John Agius htieglu jikkontrapponi ghall-azzjoni ta' l-attur l-azzjoni tieghu ta' *de negata paternita`* kif hekk manifest mill-kontro-talba tieghu. Il-Qorti tqis li din l-ahhar imsemmija azzjoni ma

kienetx la mehtiega u lanqas konsentita u ghalhekk ser tirrigettaha, attiza wkoll l-akkoljiment ta' l-azzjoni principali ta' l-attrici nomine.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tichad bhala wahda inutili il-kontro-talba tal-konvenut John Agius, tilqa' l-Ewwel Talba attrici u b'hekk tiddikjara illi l-minuri Jake ma huwiex iben il-konvenut Joseph Agius izda l-iben naturali u bijologiku tal-konvenut l-iehor Michael Borg;

Konsegwentement tilqa' t-Tieni Talba billi tordna r-rettifikazzjoni opportuna fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri Numru 829/2000 (fol. 9) billi thassar minnu kull riferenza ghall-konvenut Joseph Agius u l-konnotati tieghu u minflok tissostitwixxi ghaiha lil konvenut "Michael Borg", imwieled "Mtarfa" u residenti "Gzira", Karta ta' Identita` numru "489473(M)", bin "Anthony Borg, haj";

Inoltre tordna wkoll l-korrezzjoni billi taht il-kolonna 'Isem u Kunjom ta' Omm it-tarbija" jinqatghu l-kliem "*the said*";

L-ispejjez tal-kawza principali jithallsu mill-konvenut Michael Borg.  Dawk tal-kontro-talba mill-konvenut Joseph Agius.

--------------------------------TMIEM--------------------------------